A.L. 537 tal-2010

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' INĠENJI TAL-AJRU (KAP. 503)

Regolamenti tal-2010 dwar Reġistrant Internazzjonali fir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 56 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar Reġistrant Internazzjonali fir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra –

"l-Att" tfisser l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru;

"ġurisdizzjoni approvata" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att;

"impriża" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar il-Kumpanniji; Kap. 386.

"Stat taż-ŻEE" tfisser –

(a) Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

(b) in-Norveġja, l-Islanda jew Liechtenstein.

Persuni oħra eliġibbli biex jirreġistraw inġenji tal-ajru.

3. (1) Għall-finijiet tal-artikolu 6(1) tal-Att, minbarra l-każ imsemmi fl-artikolu 19 tal-Att, dawn il-persuni li ġejjin għandhom ikunu wkoll kwalifikati biex jirreġistraw, fir-Reġistru Nazzjonali

tal-Inġenji tal-Ajru, inġenji tal-ajru li jkunu qegħdin jinbnew jew inġenji tal-ajru li ma jkunux qegħdin jintużaw biex jipprovdu servizzi tal-ajru, u t-Taqsima II tal-Att għandha tkun tapplika *mutatis mutandis* għal –

(a) ċittadin ta' Malta, jew ċittadin ta' Stat ieħor taż-ŻEE jew tal-Isvizzera li, madankollu, ma jkollux il-post ta' residenza jew negozju tiegħu f'Malta jew f'xi Stat ieħor taż-ŻEE jew fl-Isvizzera; jew

(b) impriża li tkun iffurmata u teżisti skont il-liġijiet ta' Malta, iżda li inqas minn ħamsin fil-mija tagħha jkunu f'idejn ċittadini Maltin jew ta' xi Stat ieħor taż-ŻEE jew tal-Isvizzera, u l-kontroll effettiv tagħha jkun qiegħed isir f'Malta jew f'xi Stat ieħor taż-ŻEE jew fl-Isvizzera, hekk li kull azzjonist u direttur tal-impriża għandu jkun ċittadin ta' ġurisdizzjoni approvata jew impriża stabbilita f'ġurisdizzjoni approvata; jew

(ċ) *trustee* fejn il-benefiċjarji jkunu persuni msemmija fil-paragarafi (a) jew (b).

(2) Meta impriża tkun iffurmata u teżisti skont il-liġijiet ta' Malta, jew *trustee* jkun *trustee* li jkun korporazzjoni u din ikollha fost id-diretturi jew l-amministraturi tagħha, persuna naturali li tkun tissodisfa r-rekwiżiti tas-subartikolu (1) tal-artikolu 20 tal-Att, dik il-persuna għandha tkun nominata bħala l-aġent residenti għall-fini tat-Taqsima III tal-Att skont il-formalitajiet stipulati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(3) Meta jkun hemm aktar minn persuna waħda li tkun kwalifikata biex tagħmilha ta' aġent residenti skont is-subartikolu (1) tal-artikolu 20 tal-Att, l-impriża għandha tinnomina persuna minn fosthom biex tagħmilha ta' aġent residenti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA

DIKJARAZZJONI TA' ĦATRA TA' AĠENT RESIDENTI

1.

Isem u Kunjom tar-Reġistrant Internazzjonali jekk individwali, jew l-isem sħiħ tal-impriża jekk din tkun korp magħqud.	
Nazzjonalità u residenza abitwali tar-Reġistrant Internazzjonali jekk dan ikun individwu, jew l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat jekk dan ikun korp magħqud	

(minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala r-"Reġistrant Internazzjonal") B'DAN JAĦTAR ..... minn .....(minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala l-"Aġent Residenti"), bħala l-aġent residenti tiegħu għall-finijiet tal-artikolu 19 tal-Att tal-2010 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala l-"Att").

2. Huwa mifhum u aċċettat li tkun il-funzjoni ta' ..... bħala aġent residenti li:
   (a) jaġixxi bħala mezz ta' komunikazzjoni bejn ir-Reġistrant Internazzjonali u d-dipartimenti u l-awtoritajiet tal-Gvern Malti;

   (b) jiffirma u jippreżenta lid-dipartimenti u lill-awtoritajiet tal-Gvern Malti, f'isem ir-Reġistrant Internazzjonali, dikjarazzjonijiet u formoli li jkunu meħtieġa skont il-Liġi ta' Malta;

   (ċ) jagħmilha ta' rappreżentant legali tar-reġistrant internazzjonali għal proċedimenti ġudizjarji f'Malta, u għall-fini tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru, kull avviż uffiċjali li jintbagħat lill-aġent residenti fl-aħħar indirizz reġistrat tiegħu għandu jitqies li jkun debitament wasal għand u ġie notifikat lir-reġistrant internazzjonali.

3. .....huwa b'dan awtorizzat li:
   (a) jiffirma u jippreżenta, f'isem ir-Reġistrant Internazzjonali, applikazzjoni, dikjarazzjonijiet, avviżi, rapporti uffiċjali u kull dokument ieħor meħtieġ skont il-Liġi ta' Malta;

   (b) japplika, f'isem ir-Reġistrant Internazzjonali, għar-reġistrazzjoni ta' inġenji tal-ajru taħt l-Att u għall-għeluq tar-reġistru ta' inġenji tal-ajru, u li jwettaq kull att anċillari fir-rigward tagħhom;

   (ċ) iħallas, f'isem ir-Reġistrant Internazzjonali, id-drittijiet u t-taxxi relattivi li għandhom jitħallsu skont il-Liġi ta' Malta;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) jagħmel, f'isem ir-Reġistrant Internazzjonali, kull ħaġ'oħra li tista' titqies li twassal jew li tkun anċillari għar-reġistrazzjoni ta' inġenji tal-ajru taħt l-Att jew għaż-żamma ta' reġistrazzjoni bħal dik;

(e) jagħmel, f'isem ir-Reġistrant Internazzjonali, kull ħaġ'oħra li tista' titqies li twassal jew li tkun anċillari għat-tħassir tar-reġistrazzjoni ta' inġenji tal-ajru taħt l-Att;

(f) jawtentika dokumenti maħruġa mir-Reġistrant Internazzjonali;

(g) jirċievi notifiki formali f'isem ir-Reġistrant Internazzjonali meta notifiki jkunu meħtieġa fir-rigward ta' inġenji tal-ajru jew xi ipoteka fuqu, taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att jew ta' xi ftehim.

4. L-Aġent Residenti jista' jaħtar bil-miktub lil kull persuna oħra biex taġixxi f'ismu iżda meta jkun qiegħed jagħmel dan, l-Aġent Residenti ma jkunx qiegħed iċedi l-funzjonijiet, setgħat, poteri u responsabbiltajiet li jkunu ġew debitament mgħoddija lilu.

5. Ir-Reġistrant Internazzjonali jkun jaf bid-dispożizzjonijiet tal-Liġi ta' Malta li, fost l-oħrajn, reġistrant internazzjonali li f'ismu jkun hemm reġistrat, jew ikun ġie reġistrat, inġenji tal-ajru taħt l-Att, jew li f'ismu jkun inħareġ ċertifikat tar-reġistrazzjoni ta' inġenji tal-ajru, għandu jitqies li jkun qiegħed lilu nnifsu taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin skont l-artikolu 742(1)(g) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar kull azzjoni marbuta mal-inġenji tal-ajru meta dan ikun jew kien hekk reġistrat.

Il-firmatarju jiddikjara li huwa għandu s-setgħa jiffirma din id-dikjarazzjoni f'isem ir-Reġistrant Internazzjonali.

Iffirmat fi .....jum ……tas-sena ……. minn …….. fil-preżenza ta' ……

_____

Firma tad-Dikjarant